MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT MANGION

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Rikors Kongunt Numru. 146/2012

Kawza fil-lista: 32

**W Q u V Q**
**vs**
**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew u talbu hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fis-7 ta’ Dicembru 1996, u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’ kuntratt redatt minn Nutar Dottor Liza Camilleri ppubblikat fil-25 ta’ Mejju 2004;

Illi m’ hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ma hemm ebda kwistjoni dwar il-manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant il-partijiet umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta’ divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat it-talba ta’ Claire Q maghmula fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2012 sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u jinsabu sodisfatti l-kondizzjonijiet tad-dispozizzjoni tal-ligi fuq citata; ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti; fis-sens illi tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u tawtorizza lil V Q tirriverti ghal kunjom xbubitha, u cioe’ Anastasi. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------